DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................  DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*1 Att, 7 Xena, p.37 (M/m)*

## MARCO

**JIEN UKOLL KIEN JIDDISPJAĊINI.**

Jien ukoll kien jiddispjaċini. Hu kien baqa' jkellimha. Dejjem niftakru jkellimha, minn meta kont żgħir... – Kull darba li npoġġu mal-mejda, is-siġġu tagħha kien dejjem hemm, faċċata tiegħu, vojt. U hu jkellimha... Ħafna drabi kien jitkellem magħha qisna aħna – jien u oħti – qisna aħna konna l-fantażmi, u mhux hi. Meta kiber, qaleb il-ħamsin sew, kien ipoġġi wkoll il-platti quddiemha u l-pożati...

Mhux minn dejjem kienu jilletikaw però. Kien meta ġejna hawn, meta bdilna d-dar. Minn kliemu kont nintebaħ li hi ma reditx tiġi hawn – li kienet tippreferi d-dar l-oħra, fejn twelidna kemm jien, kemm Mary... U fejn mietet hi. Ma stajtx nifhem sew x'kien li ġiegħlu jiddeċiedu jiġi hawn...

Xi raġuni kellu, m'għandix dubju. Id-dar l-oħra kienet akbar – aktar komda – ġirien ma kellniex min idejjaqna. Fuq kollox kellu mixja itwal għax-xogħol minn hawn...

*IL-MISSIER: Għax bħal dak li qallu qatt iddejjaqt nimxi!*

/ *(Idur lejn is-sodda)* Orrajt – mela għidli int – għalfejn ridt tbiddel id-dar? Illuminana jekk ma jimpurtax! *(<158)*

PDF p.37

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...........................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.